**51. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Billi skont l-Artiklu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill (PACE) għandha tikkonsisti f'rappreżentanti u sostituti tagħhom ta' kull Parlament li hu membru tal-Kunsill, liema rappreżentanti u sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-Artiklu 26 tal-istess Statut jistabbilixxi li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar lil dawn il-Membri bħala r-rappreżentanti tagħha:

l-Onor. Naomi Cachia – Kap tad-Delegazzjoni
l-Onor. Rebecca Buttigieg;
l-Onor. Bernard Grech;

illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

l-Onor. Ramona Attard;
l-Onor. Nigel Vella; u
l-Onor. Michael Piccinino.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull rappreżentant u ta' kull sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-rappreżentanti u sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

Illi l-Onorevoli Membri, hekk maħtura, għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-Kamra, u jekk ikun il-każ rapport ta' minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perjodu, u kopja ta' dan ir-rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**22.07.2026**